MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1058/2013

**Union Print Company Limited (C10151)**

**vs**

**Network Publications Limited (C21054)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Union Print Company Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ rikorrenti toffri servizzi ta’ *printing, publishing* u reklamar (*advertising*) fost servizzi ohra;

L-istess socjeta’ rikorrenti, fil-perjodu ta’ bejn il-31 ta’ Jannar 2010 u t-12 ta’ Awwissu 2013, ipprestat is-servizzi taghha lis-socjeta’ intimata u dan kif inhu evidenzjat mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. UPC1 u Dok. UPC2 rispettivament;

Il-valur tas-servizzi rezi lill-istess soscjeta’ intimata mis-socjeta’ rikorrenti ai termini tal-istess fatturi hawn fuq imsemmija jammontaw ghal sittax-il elf, mitejn u disgha u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€16,289.15);

Ghalhekk, is-socjeta’ intimata hija debitrici tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta’ sittax-il elf, mitejn u disgha u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€16,289.15);

Talbet is-socjeta’ intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta’ intimata hija debitrici tas-socjeta’ rikorrenti ghal servizzi rezi lilha mill-istess socjeta’ rikorrenti;

Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta’ rikorrenti mill-istess socjeta’ intimata;

Tordna lis-socjeta’ intimata thallas dak l-ammont hekk kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti lis-socjeta’ rikorrenti fi zmien qasir u perentorju moghti minn din l-istess Onorabbli Qorti.

Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru intavolat kontestwalment mar-rikors guramentat odjern fl-ismijiet premessi kontra s-socjeta’ intimata, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tas-socjeta’ rikorrenti li permezz taghha, it-talba giet ridotta ghas-somma ta’ €13,887.80 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn Network Publications Limited, permezz ta’ rapprezentant taghha John Formosa, ammettiet it-talba attrici kif ridotta.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ Union Print Company Limited;

tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' tlettax-il elf, tmien mija u sebgha u tmenin ewro u tmenin centezmu (€13,887.80); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Network Publications Limited thallas lil Union Print Company Limited is-somma ta' tlettax-il elf, tmien mija u sebgha u tmenin ewro u tmenin centezmu (€13,887.80), bl-ispejjez kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Network Publications Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------